



Brussell, 25 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13363/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0042(COD)

CODEC 1522
EF 304
ECOFIN 923

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' skoperturi fil-forma ta' bonds koperti (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-12 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' Lulju 2018².
3. Fit-18 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu mid-9 sal-10 ta' Ottubru 2019. Din tirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-Istituzzjonijiet u għaldaqstant għandha tkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 7066/18.

² ĠU C 367, 10.10.2018, p. 56.

³ 8500/19.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 85/19, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
